**Regolamenti għad-dħul fl-iskejjel ta' St Francis, lil hinn mis-snin tal-polza.**

| | |
|---|---|
| **Kindergarten 1 fl-iskejjel ta' Birkirkara, Cospicua u Imsida** | Skont ir-regolamenti tad-dħul, maħruġa mis-Segretarjat għall-Edukazzjoni Nisranija. www.thechurchinmalta.org |
| **Kindergarten 2 fl-iskejjel ta' Birkirkara, Cospicua u Imsida** | Minn KG1, it-tfal jibqgħu telgħin awtomatikament għall-KG2. Il-postijiet li jifdal jimtlew skont ir-regolamenti tad-dħul, maħruġa mis-Segretarjat għall-Edukazzjoni Nisranija. www.thechurchinmalta.org |
| **Primarja: Year 1 ġo Birkirkara, Cospicua u Imsida** | Minn KG2, it-tfal jibqgħu telgħin awtomatikament għall-Year 1. Il-postijiet li jifdal jimtlew skont ir-regolamenti tad-dħul, maħruġa mis-Segretarjat għall-Edukazzjoni Nisranija. www.thechurchinmalta.org |
| **Sekondarja: Year 7 f' Tas-Sliema** | Fl-aħħar tal-Year 6, il-bniet mill-iskejjel ta' St Francis Birkirkara, Bormla u l-Imsida jibqgħu telgħin awtomatikament għall-Year 7 f' Tas-Sliema. Il-postijiet li jifdal jimtlew skont ir-regolamenti tad-dħul, maħruġa mis-Segretarjat għall-Edukazzjoni Nisranija. www.thechurchinmalta.org |

L-iskejjel ta' St Francis idaħħlu tfal skont il-poloz organizzati mis-Segretarjat għall-Edukazzjoni Nisranija. Id-daqs tal-klassijiet isegwi l-linjigwida maħruġa mill-MEDE u hu skont il-qbil milħuq mal-MUT. Fl-eventwalita li studenti jagħżlu li jkomplu l-

edukazzjoni tagħhom fi skejjel oħra, u jinħolqu postijiet vakanti, l-iskejjel ta’ St Francis ikunu jistgħu jimlew dawn il-postijiet. F’dawn il-każijiet, il-proċess tad-dħul ikun kif spjegat hawn taħt:

1. Matul is-sena, kull skola tirċievi ittri mingħand ġenituri li juru x-xewqa li jdaħħlu lil uliedhom fl-iskejjel ta’ St Francis.

2. Dawn l-ittri għandhom jiġu indirizzati lejn il-Kap tal-Iskola, u għandhom jinkludu:

a. L-isem u l-kunjom tat-tifel/tifla

b. L-intenzjoni tal-ġenituri

c. Id-data tat-twelid tat-tifel/tifla

d. Il-kuntatti tal-ġenituri

e. F’ kaz ta’tfal bi bżonnijiet speċjali, għandu jiġi mehmuż ukoll rapport riċenti minn psikologu.

3. L-ittri jistgħu jintbagħtu bil-posta jew permezz ta’ posta elettronika, għalkemm din tal-aħħar tiġi preferuta. Kull ittra tiġi rikonoxxuta mill-Kap tal-Iskola.

4. Dawn l-ittri jiġu ffirmati mill-Kap tal-Iskola u xhud tagħha, u jekk possibbli mill-ġenituri wkoll. Id-data tat-twelid tat-tifel/tifla sservi biex tindika f’ liema sena j/tidħol f’każ ta’ post vakanti.

5. Skont il-kariżma tas-Sorijiet Franġiskani tal-Qalb ta’ Ġesu, l-iskejjel ta’ St Francis iħaddnu l-impenn li jservu lil dawk l-aktar fil-bżonn. Għalhekk, l-iskejjel iżommu d-dritt li jagħtu preċedenza lill-każijiet umanitarji, bħat-telfa ta’ ġenitur, li taf twassal għal nuqqas ta’ mezzi edukattivi; problema ta’ saħħa mentali fil-ġenituri, li taf twassal għal nuqqas ta’ kura tal-minuri; u trawmi bħat-telfa tal-abitazzjoni jew mard serju.

6. B’hekk l-iskejjel jagħżlu skont dawn il-kriterji huma u jimlew il-postijiet vakanti:

a. Każijiet Umanitarji Gravi (ara punt 5 hawn fuq)

b. Tfal li jgħixu fi djar tal-knisja

c. Tfal ta' impjegati tal-iskola

d. Aħwa

e. Applikanti oħra.

7. L-iskejjel iżommu żewġ listi: waħda għal studenti li jsegwu kurrikulu *mainstream*, u oħra għal studenti bi bżonnijiet speċjali.

8. F'każ li jkun hemm post vakanti, il-Kap tal-Iskola tikkuntattja lill-ġenituri tat-tfal fuq il-lista ta' stennija billi tibda minn fuq nett tal-lista. Il-lista tiġi organizzata skont id-data li fiha tkun waslet l-ittra jew l-email ta' interess. Jekk applikant jirrifjuta l-post, tiġi kkuntattjata l-persuna li jmiss fuq il-lista, eċċ.

9. Skont il-ħsieb Franġiskan, l-iskejjel ta' St Francis jaċċettaw studenti minkejja t-twemmin u l-orjentazzjoni reliġjuża tagħhom, sakemm dawn l-individwi jirrispettaw id-dritt tal-iskejjel li juru simboli reliġjuzi u li jxandru t-twemmin nisrani lill-istudenti l-oħra.

10. Il-ħlas ta' reġistrazzjoni hu dak ta' €25.

Dawn il-kriterji jgħinu lill-iskejjel ta' St Francis isegwu r-regoli preskritti mis-Segretarjat għall-Edukazzjoni Nisranija, u jiżguraw korrettezza, konformità u kjarezza.

*Data tar-Reviżjoni: Lulju 2025*